

Brussell, 27 ta' Lulju 2021  
(OR. en)

10936/21

LIMITE

ECOFIN 757  
UEM 224

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' abbozz ta' disinn għan-naħa nazzjonali tal-munita kommemorattiva ta' żewġ euro maħruġa kollettivament ippreżentat mill-Finlandja

- Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni<sup>1</sup>, u f'konformità mal-Artikolu 4(1)(a) u 4(3) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 651/2012 tal-4 ta' Lulju 2012<sup>2</sup>, u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1263<sup>3</sup>, il-Finlandja ppreżentat, permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-abbozz ta' disinn għal:
  - in-naħa nazzjonali għal munita kommemorattiva ta' żewġ euro b'disinn komuni, maħsuba biex tinħareġ kollettivament fl-2022 mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, biex tfakkar il-35 anniversarju tal-programm Erasmus (kif jinsab fid-dokument ST 10935/21).
- F'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill, kwalunkwe Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro jista', f'opinjoni motivata indirizzata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, iqajjem oġġezzjoni għall-abbozz ta' disinn propost mill-Istat Membru emittenti jekk dak l-abbozz ta' disinn x'aktarx li joħloq reazzjonijiet negattivi fost iċ-ċittadini tiegħu. Skont l-

<sup>1</sup> ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 201, 27.7.2012, p. 135–137.

<sup>3</sup> ĠU L 199, 26.7.2019, p. 5.

Artikolu 10(5) tar-Regolament tal-Kunsill, fejn il-Kummissjoni tkun qieset li l-abbozz ta' disinn ma kienx jirrispetta r-rekwiżiti tekniċi stipulati mir-Regolament tal-Kunsill, hija tista' tippreżenta valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.

3. Ma tressqet ebda opinjoni motivata jew valutazzjoni negattiva lill-Kunsill sas-26 ta' Lulju 2021, li kien il-limitu ta' żmien stabbilit skont l-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill.
4. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament tal-Kunsill, id-deċiżjoni li tapprova d-disinn imsemmi hawn fuq titqies li ġiet adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Lulju 2021<sup>4</sup>.
5. Huwa mfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 10(8) tar-Regolament tal-Kunsill, l-informazzjoni kollha rilevanti dwar disinji ġodda ta' muniti għaċ-ċirkolazzjoni nazzjonali għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' din in-Nota ta' Informazzjoni bħala punt "I/A" fl-aġenda tal-laqgħat tagħhom li jmiss.

---

<sup>4</sup> Il-limitu ta' sebat ijiem u d-data tal-adozzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 huma ddeterminati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perijodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).